# GĦAQDA REGATTA NAZZJONALI U QDIF IEĦOR

# MALTA ROWING ASSOCIATION

# STATUT

*DAN L-ISTATUT KIEN EMENDAT U APPROVAT WAQT IL-LAQGHA GENERALI ANNWALI LI SARET FIS-27 ta' Frar 2016. Emendat ukoll 18 ta' Frar 2017 (Art. 1.4, 8.9, 9.1 u Annex III) w waqt il-laqgha generali annwali li nzammet nhar il 21 ta Gunju 2018 (2.1h, 3.4.27, 3.4.29, 5.1, 5.2.1, 5.2.2, 8.5/1/2/3, 8.6). 8ta'April 2021 gew mizjuda /mibdula Artikli 1.5, 9.2, 10, logo.*

# Werrej


1. L-ISEM U AFFILJAZZJONIJIET ............ 3
2. GĦANIJIET ............ 3
3. SHUBIJA ............ 4
   3.1 MEMBRI SĦAH ............ 4
   3.2 MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR ............ 6
   3.3 MEMBRI ASSOĊJATI *(kategorija għall-Indoor Rowing biss)* ............ 7
   3.4 IL-QADDIEFA ............ 8
   3.5 ATLETI REĠISTRATI *(kategorija għall-Indoor Rowing biss)* ............ 11
4. IL-KUNSILL ............ 13
5. ĦATRA TA' L-UFFIĊJALI TAL-KUNSILL U L-ASSISTENTI ............ 15
6. LAQGĦAT GENERALI ............ 17
7. LAQGĦAT TAL-KUNSILL ............ 188
8. ID-DMIRIJIET TAL-UFFIĊJALI TAL-KUNSILL ............ 188
9. Affarijiet Ohra-F' KAZ LI TISPICCA L- GĦAQDA. ............ 2020
10 Sena Finanzarja ............ 20

ANNEX I: Qafas li fuqu jistaw isiru r-regolamenti tat-tigrijiet li jwasslu ghar-rebh tax-Shield fir-Regatta Nazzjonali bid-dghajjes tradizzjonali. ............ 211

ANNEX II: ĦLASIJIET ............ 244


*Nota: F'dan l-Istatut, kull terminu fil-maskil japplika wkoll fil-femminil.*

# 1. L-ISEM U AFFILJAZZJONIJIET

1.1 L-ismijiet ufficjali ta'din l'entita` (Assocjazzjoni Nazzjonali) li tirrapPrezenta l-isport tal-qdif (rowing) fit-territorju ta' Malta huma "**Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor**" (bil-Malti) u "**Malta Rowing Association**" (bl-Ingliz).

1.2 Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor tista wkoll fil-qasir, tuza l-ismijiet "Għaqda Regatta Nazzjonali", "Għaqda Regatta" u/jew "Malta Rowing". In oltre, peress illi hija l-prassi illi barra min xtutna jintuza it-terminu 'federazzjoni' biex jirreferi għall-assocjazzjonijiet nazzjonali tal-qdif, Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor qed tirreserva d-dritt illi fil-futur, jew b'mod mhux ufficjali, tuza wkoll l-ismijiet: "Il-Federazzjoni Maltija tal-Qdif", "Il-Federazzjoni Maltija tal-Qaddiefa" u/jew "Malta Rowing Federation" liema ismijiet ma' jistawx jintizaw mill-ebda entita'ohra. L-istess japplika ghall-ismijiet "Assocjazjoni Maltija tal-Qdif" jew "Assocjazjoni Maltija tal-Qaddiefa".

1.3 Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor hija affiljata ma' SportsMalta (qabel KMS), il-Malta Olympic Committee (MOC) u l-*Fédération Internationale des Sociétés d'Aviron* (FISA) u hija rikonoxxuta fuq livell nazzjonali u internazzjoni bħala l-uniku entita' Nazzjonali Maltija ghall-dak li jirrelata ma' l-isport tal-qdif (rowing).

1.4 Il-Logo ta' l-Għaqda huwa dak anness f'Annex III liema logo (jew varjazzjonijiet tiegħu) ma jistax jintuza ħlief bil-permess ta' l-Għaqda.

1.5 Ghaqda Regatta Nazzjonali m'ghandiex indirizz ufficjali, ghalhekk ghal dan l-ghan l-indirizz li jintuza min zmien ghal zmien jigi maqbul bejn il-klabbs membri, jew jintuza indirizz personali tal president jew segretarju ta l-ghaqda ghal korrispondenza.

# 2. GHANIJIET

2.1 L-Ghanijiet ta' Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor huma dawn:

a. Li tkun l-assocjazzjoni nazzjonali Maltija li tirrapprezenta l-isport tal-qdif f'Malta u li tirrapprezenta dan l-isport f'isem Malta fuq livell internazzjonali;

b. Li torganizza f'Malta ir-**Regatta Nazzjonali tal-Vitorja** u r-**Regatta ta' Jum il-Helsien**, liema Regatti għandhom isiru skond ir-regoli tagħha fil-Port il-Kbir fejn issiru tradizzjonalment nhar it-8 ta'Settembru u t-31 ta' Marzu rispettivament ta' kull sena (jew, f'kazijiet eċċezzjonali, fi granet vicin dawn id-dati) u jkunu ffinanzjati mill-Gvern, SportMalta jew entitajiet governattivi oħra kif dejjem sar fil-passat;

c. Li torganizza ġewwa Malta, Regatta oħra li tkun iffinanzjati mill-Gvern, SportMalta jew entitajiet governattivi oħra kif dejjem sar fil-passat, liema Regatta għanda tinkludi tigrijiet b'dgħajjes tradizzjonali li jsiru għaż-żgħażagħ li ma jkunux għadhom għalqu 18-il sena f'dik is-sena kalendarja li ssir ir-Regatta, fejn l-iskop ta' din ir-regatta għandu jibqa wieħed ta' taħrig ta' qaddiefa zgħazagħ, biex b'hekk, ir-Regatta Nazzjonali tibqa hajja u sostenibbli fil-futur;

d. Li torganizza kompetizzjonijiet oħra ta' qdif fid-diversi forom tiegħu (inkluz imma mhux limitat ghall-qdif tradizzjonali, qdif stil Olimpiku u qdif fuq 'rowing machines fit-territorju Malti skont kif jiddeciedi l-Kunsill tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor.

e. Li tfassal regolamenti għall-kompetizzjonjiet tal-qdif li jsiru fit-territorju Malti liema regolamenti jridu jkunu kompatibbli ma dan l-istatut inkluz dak li hemm imnizzel f'Annex I;

f. Li twaqqaf relazzjonijiet jew/taffilja ma'organizzazzjonijiet Nazzjonali, jew Internazzjonali, li l-għanijiet tagħhom jaqblu ma' dawk taghha;

g. Li tghaqqad flimkien il-'Clubs' tal-qdif Maltin u lil dawk kollha li għandom għal qalbhom l-isport tal-qdif u li jġib 'il–quddiem u thares l-interessi tal-qaddiefa u tal-'Clubs' affiljati.

h. Li ma jsirux kompetizzjonijiet u attivitajiet ohra lokalment sa min erba gimghat qabel irregatta nazzjonali kemm ta' Marzu kif ukoll ta' Settembru.

## 3. SĦUBIJA

3.0 Fl-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor għandu jkun hemm dawn kategoriji ta' shubija u registrazzjonijiet:

**(A) KATEGORIJI TA' SĦUBIJA:**
- MEMBRI SĦAĦ (Full Members)
- MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR
- MEMBRI ASSOCJATI (valida għall-*indoor rowing* biss)

(B) **KATEGORIJI TA' REGISTRAZZJONIJIET TA' INDIVIDWI:**
- QADDIEFA
- ATLETI REGISTRATI (valida għall-*indoor rowing* biss)

### 3.1 MEMBRI SĦAĦ

3.1.1 Il-MEMBRI SĦAĦ (full members) huma dawk l-entitajiet li jieħdu sehem fir-Regatta Nazzjonali bhala 'Club' (fil-passat mgħarufa wkoll bhala Distrett u/jew Kumitat) u li jkunu għamlu dan għal perjodu ta' mhux anqas minn hames snin fl-aħħar għaxar snin. Dawk l-entitajiet iridu jkunu demokratikament kostitwiti u jrid ikollhom il- membri taghhom li

jħallsu l- menswalita’ regolari u huma suggetti ghall- approvazzjoni tal-Kunsill kif stipulat hawn taħt.

3.1.2 Huma biss il-‘Clubs’ li jkunu MEMBRI SĦAĦ li għandhom id-dritt AWTOMATIKU li:

i. Jieħdu sehem fit-tigrijiet bid-dgħajjes tradizzjonali fir-Regatta Nazzjonali li jwasslu għar-rebħ ta’Shield kif imnizzla f’Annex I ta’ dan l-istatut;
ii. Jieħdu decizzjonijiet li b’xi mod għandhom x’jaqsmu mar-Regolamenti li toħrog l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor inkluz, izda mhux biss, dawk ir-Regolamenti li jirregolaw ir-Regatti u l-Kompetizzjonijiet;
iii. Ikunu rappreżentati bid-dritt tal-vot fil-laqgħat tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor, kemm dawk ordinarji, generali u/jew straordinarji;

3.1.3 ‘Club’ li jkun jixtieq jingħaqad mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor bħala MEMBRU SĦIĦ irid l-ewwel ikun qed jirraprezenta belt jew raħal, jagħmel perjodu ta’ mhux inqas min ħames snin bħala MEMBRI BI DRITT T’OSSERVATUR, u jkun jista jaghmel dan billi jressaq applikazzjoni formali lis-Segretarju tal- Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor. Qabel ma tittiehed decizzjoni biex jizdiedu n-numru ta’ MEMBRI SĦAĦ, għandu jigi accertat illi l-infrastruttura tippermetti zjieda fin-numru ta’ partecipanti fir-Regatta Nazzjonali bid-dgħajjes tradizzjonali fit-tigrijiet li jwasslu għar-rebħ ta’ Shield.

3.1.4 Belt jew rahal jistghu ikunu rapprezentati fil-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor bhala MEMBRU SHIH biss minn ‘Club’ wiehed. L-ebda applikazzjoni ta’ ‘Club’ iehor ghall-affiljazzjoni bħala MEMBRU SĦIĦ ma tkun milquha jekk il-lokalita’ tieghu tkun f’belt jew raħal fejn diga hemm ‘Club’ imsieheb mal-Ghaqda.

3.1.5 Kull ‘Club’ li jkun MEMBRU SĦIĦ li jkun assenti waqt xi laqgħa jeħel multa kif stipulat f’Annex II. ‘Club’ ma jistax ikun skuzat darbtejn infila izda t-tieni darba jkun meqjus bħala assenti.

3.1.6 Kull ‘Club’ li jkun MEMBRU SĦIĦ għandu jkollu l-istatut tiegħu, liema statut ghandu jkun kompatibbli ma’dak tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor. Dan l-istatut ghandu jistipula kif jitmexxa l-‘Club’ u kif għanda ssir il-Laqgħa Ġenerali.

3.1.7 Kull ‘Club’ li jkun MEMBRU SĦIĦ huwa obbligat li jghati kopja ta’ l-Istatut jew tar-regolarmenti tieghu u sussegwetement l- emendi jew zieda li ssir kemm lill-Ghaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor, kif ukoll lil qaddiefa u membri registrati mieghu f’kas li dawn jitolbuh.

3.1.8 Club ma jibqax MEMBRU SĦIĦ jekk ghall-perjodu ta’ aktar minn 24 xahar ma jkunx qed jimxi mar-regolamenti ta’ l-Ghaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor jew ma’ l-istatut tiegħu u ma jkun ħa l-ebda pass biex jirregoralizza il-pozizzjoni tiegħu. F’dan il-kas, sa kemm l-Istatut tal-‘Club’ ma jgħidx mod iehor, l-assi kollha tal-‘Club’ jistaw jigu amministrati mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor sa kemm tigi irregoralizzatta il-pozizzjoni tiegħu.

3.1.9 Kull ‘Club’ li jkun MEMBRU SĦIĦ għandu jinforma lill-Kunsill meta u fejn ser issir il-Laqgħa Ġenerali tal-‘Club’ ħalli jkun jista’ jattendi Uffiċjal tal-Kunsill bħala osservatur.

3.1.10 Kull 'Club' li jkun MEMBRU SĦIĦ għandu jħallas il-menswalita' annwali kif definit f'Annex II ta' dan l-Istatut. Il-ħlas tas-sħubija jagħlaq f'Diċembru ta' kull sena u jrid isir bil-quddiem. Kull 'Club' li ma jkunx ħallas id-dritt tas-sħubija sal-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor li normalment issir fl-ewwel xhur tas-sena, MA JITĦALLIX JIEHU SEHEM FIR-REGATTA U F'ATTIVITAJIET TA' L-GHAQDA. F'Kas li l-ħlas jibqa' ma' jsirx sa' Jannar segwenti, il-'Club' jitlef il-privilleġġi kollha tas-sħubija.

3.1.11 B'mod regolari, kull 'Club' li jkun MEMBRU SĦIĦ għandu jiltaqa mar-Registratur tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor biex ikun assigurat illi jkun hemm qbil dwar is-segwenti dokumenti:

a. Il-Lista ta' Qaddiefa registrati mall-'Club';
b. Il-Verzjoni korretta u attwali ta'l-istatut tal-'Club';
c. Dikjarazzjoni iffirmata li tidentifika l-Indirizz Ufficjali (tal-posta tradizzjonali u elettronika) tas-*sede* tal-'Club';
d. Dikjarazzjoni ta' l-ismijiet, l-indirizzi (tal-posta tradizzjonali u elettronika) tal-President u s-Segretarju tal-Club li trid tkun iffirmata minnhom it-tnejn;
e. Dikjarazzjoni iffirmata mill-President u s-Segretarju tal-'Club' ta' l-isem u l-indirizz (tal-posta tradizzjonali u elettronika) tad-delegati ufficjali tal-'Club' fil-Kunsill u s-sositut tagħhom, liema delegati ufficjali u sostitut iridu jkunu membri fil-Kumitat tal-'Club';
f. Lista aggiornata tal-membri tal-Kumitat tal-'Club'.

## 3.2 MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR

3.2.1 MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR huma dawk l-entitajiet li l-għan prinċipali tagħhom huwa dak li jieħdu sehem bħala 'Club' f' attiviatjiet ta' qdif li jinkludi qdif fuq l-ilma izda m' għandhomx il-prerikwiziti biex jissiebhu bħala membru sħaħ.

3.2.2 MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR għandhom id-dritt li jieħdu sehem fl-attivitijiet ta' qdif kollha li torganizza l-Għaqda Regatta Nazzjonli u Qdif Iehor izda m'għandhomx id-dritt awtomatiku li jieħdu sehem fit-tiġrijiet bid-dgħajjes tradizzjonali fir-Regatta Nazzjonali li jwasslu għar-rebħ ta' Shield kif imnizzla f'Annex I ta' dan l-istatut.

3.2.3 MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR għandhom id-dritt li jibgħatu delegat wieħed għall-laqgħat tal-Kunsill bħala osservatur, jigifieri mingħajr id-dritt awtomatiku li jieħdu sehem fid-diskussjoni jew jivvutaw. Madankollu, huma jistaw jigu mitluba li ma jkunux prezenti għal partijiet tal-laqgħat li jiddiskutu biss affarijiet relatati mar-Regatta Nazzjonali bid-dgħajjes tradizzjonali.

3.2.4 Entita` li trid jingħaqad mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor bħala MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR trid tibgħat applikazzjoni lis-Segretarju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u magħha tibgħat:

(i) Dikjarazzjoni li qed taċċetta ir-Regoli kollha f'dan l-istatut f'kas li ssir membru;
(ii) Dikjazzjoni li tindika min se jkunu il-firmatorji;

(iii) Il-lista tal-persuni li se jkunu rregistrati bhala qaddiefa taħt din l-entita` (jekk tkun tezisti);

(iv) Ħlas tal-mizata ta' registrazzjoni bħala MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR, kif ukoll depositu tal-menswalita annwali ta' sena bil-quddiem, u depositu fuq il-ħlas tar-registrazzjoni tal-qaddiefa kif stipulat f'Annex II.

Din l-applikazzjoni tkun kunsidrata fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill u trid tigi approvata mill-maggoranza tal-MEMBRI SĦAĦ.

3.2.5 Japplikaw ukoll għall-kull MEMBRU BI DRITT T'OSSERVATUR, mutatis mutandis, regolamenti 3.1.6 – 3.1.11.

## 3.3 MEMBRI ASSOĊJATI *(kategorija għall-Indoor Rowing biss)*

3.3.1 MEMBRI ASSOĊJATI huma dawk l-entitajiet li wiehed mill-ghanijiet taghhom huwa dak li jiehdu sehem bhala entita` f'xi attiviatjiet *jew* training li jinvolvi l-qdif li ma jsirx fuq l-ilma (indoor rowing).

3.3.2 Atleti li jkunu reġistrati ma entitajiet MEMBRI ASSOCJATI, jekk huma jridu, u jiddikjaraw dan billi jimlew il-formola ta' registazzjoni, jistaw jitqiesu bħala ATLETI REGISTRATI ma' l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor (*vide* sez. 3.5).

3.3.3 MEMBRI ASSOĊJATI għandhom id-dritt li jieħdu sehem fl-attivitijiet ta' qdif li ma jsirx fuq l-ilma (indoor rowing) li torganizza l-Ghaqda Regatta Nazzjonli u Qdif Iehor bl-atleti taghhom li jridu jkunu registrati bħala ATLETI REĠISTRATI.

3.3.4 MEMBRI ASSOĊJATI m'għandhomx id-dritt awtomatiku li jkunu rapprezentati waqt laqgħat tal-Kunsill lanqas bħala osservaturi.

3.3.5 Entita` li trid jingħaqad mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor bħala MEMBRU ASSOĊJAT trid tibghat applikazzjoni lis-Segretarju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u magħha tibgħat:

(i) Dikjarazzjoni li qed taċċetta ir-Regoli kollha f'dan l-istatut f'kas li jissieħeb bħala membru assoċjat;

(ii) Dikjarazzjoni li tindika min se jkunu il-firmatorji;

(iii) Il-lista tal-persuni li se jkunu rregisttati bħala atleti taħt din l-entita' (jekk tkun tezisti);

(iv) Ħlas tal-mizata ta' registrazzjoni bhala MEMBRI ASSOCJATI kif ukoll depositu tal-menswalita annwali ta' sena bil-quddiem, u depositu fuq il-ħlas tar-reġistrazzjoni ta' l-atleti kif stipulat f'Annex II.

Din l-applikazzjoni tkun kunsidrata fl-ewwel laqgha tal-Kunsill u trid tigi approvata mill-maġġoranza tal-MEMBRI SĦAĦ.

## 3.4 IL-QADDIEFA

3.4.1 IL-QADDIEFA (Registered Rowers) huma dawk l-atleti li jiehdu sehem f' attiviatjiet li jinvolvi l-qdif (inkluz indoor rowing) f'isem 'Clubs' li jkunu MEMBRI SĦAĦ jew MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR liema individvi gĦandhom id-drittijiet u l-obbligi skond kif definit f'dan l-istatut, u jridu jimxu mal-proceduri stabiliti.

3.4.2 L-Ebda registrazzjoni ma tista ssir minn individwu bħala QADDIEF jekk din ma ssirx *tramite* 'Club' li jkun MEMBRU SĦIĦ jew MEMBRU BI DRITT T'OSSERVATUR.

3.4.3 L-ebda individwu ma jista jaqdef fir-Regatta Nazzjonali jekk ma jkunx registrat bhala QADDIEF.

3.4.4 Għandu jkun hemm formola ta' Reġistrazzjoni għall-qaddiefa kollha li jaqdfu mal-'Clubs' li jkunu MEMBRI SĦAĦ jew MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR. Kull formola trid tkun mimlija kompletament u tkun akkumpanjata minn ritratt bil-kulur *passport size*.

3.4.4 Kull 'Club' affiljat irid iħallas miżata kif stupulata f'Annex II lill-Għaqda għal kull qaddief reġistrat u l-ħlas irid isir mal-prezentazzjoni tal- formola tar-Registrazzjoni.

3.4.5 Il-formula tar-registrazzjoni, self jew rilaxx ta' qaddief trid tasal għand ir-Registratur ta' l-Għaqda sa mhux aktar tard min għaxat ijiem. Registrazzjoni li tkun pprezentata wara din id-data tista tkun accettata f'kazijiet eccezjonali jekk ikollha r-rekwiziti mitluba u kontra l-hlas ta mizata addizjonali kif stipulat f'Annex II għall kull reġistrazzjoni pprezentata.

3.4.6 Qaddiefa li huma taht il-25 sena jkunu marbuta mad-Distrett li miegħu jirregistraw sakemm jgħalqu l-eta ta' 25 sena. Tali qaddief jista' jiġi misluf jew meħlus qabel iz-zmien. Is-servizz li qaddief jagħti meta jkun misluf jitqies bħala servizz mogħti lill-'club' li mieghu jkun irreġistrat.

3.4.7 Qaddief li jagħlaq il-25 sena u jkun ilu rregistrat mall-'club' l-aħħar tlett snin jew aktar, irid bħala kumpens, jirreġistra ma l-istess 'club' għal tlett snin oħra. F'kaz li tali qaddief jagħżel li njirreġistra ma 'club' iehor, iil 'club' precedent għandu dritt għal kumpens, ta 250 euros għal kull sena li kien irreġistrat magħhom sa massimu ta' 1500 euros, u r-reġistrazzjoni tal-qaddief ma tistax tkun aċċettata qabel ma klabb precedent jikkonferma bil miktub li rcieva tali kumpens.

3.4.8 Salv dak li hemm fir-regolament ta' qabel, qaddief li ghandu aktar min 25 sena jista *jew*,

(a) jirregistra ghall-perjodu ta' tlett snin mid-data tal-firma u jkun jista jaqdef 3 qadfiet f'kull regatta, *jew*

(b) jirregista għall-sena waħda mid-data tal-firma u jkun jista jaqdef qadfa waħda biss f'kull regatta li ssir matul dik is-sena mingħajr id-dritt tas-self.

3.4.9 L-ebda registrazzjoni ġdida ta' qaddief li huwa diga rreġistrat ma tigi aċċettata, anke ma l-istess 'Club' li miegħu il-qaddief ikun reġistrat, qabel ma r-registrazzjoni oriġinali tiġi ezawrita, jew jigi terminat il-perjodu ta' registrazzjoni attwali.

3.4.10 Qaddief li ma jkunx għalaq it-18-il sena u tkun għadditlu l-ewwel sena ta' registrazzjoni li fiha jkun meqjus bhala *trainee*, għandu jingħata c-cans li jaqdef għall-qadfa waħda f'tiġrija waħda kopetittiva fis-sena nkella l-qaddief ikollu d-dritt li jitlob lill-Ghaqda biex jigi *Free Release*. Dan ir-regolament ma' japplikax f'kas li l-qaddief ma jinzilx regolarment għat-taħrig.

3.4.11 Fejn jirringwardja reġistrazzjoni tal-qaddiefa li jkunu taħt it-tmintax il-sena, reġistrazzjoni tista ssir biss bill-kunsens tal-ġenitur/i jew *legal guardian*. Il-firma u n-numru tal-ID Card tal-genitur/i jew *legal guardian* trid issir fil-prezenza ta' membru tal-kumitat li miegħu l-qaddief ikun qed jirreġistra. Tali membru jrid jiffirma bħala xhud tal-firma tal-genitur/i jew *legal guardian*.

3.4.12 Dak il-qaddief li jiġi misluf ikollu dritt li jaqdef fi tlett qadfiet f'liema kategorija li tiġi magħzula, dejjem skond ir-regoli ta' l-attivita' partikolari. Is-self ikun maghdud mas-servizz li jkun ta' lill- klabb.

3.4.14 L-eqda qaddief ma jista jieku sehem f'kompetizzjoni ta' qdif kemm Malta kif ukoll barra min Malta (inkliz indoor rowing), kemm uffiċjali u kemm dawk li m'humiex, f'isem il-'Club' li miegħu irreġistrat u/jew l-Għaqda jekk ma jkunx awtorizzat minnhom.

3.4.15 L-Għaqda għanda dritt li, bil-kunsens tal-'Club' li miegħu jkun reġistrat il-qaddief, tibgħat qaddief biex jirraprezentaha f'kompetizzjonijiet u attivitajiet li jinvolvu l-qdif li jsiru kemm Malta kif ukoll barra.

3.4.16 Qaddief li jkun reġistrat ma' 'Club' għandu dejjem jitlob il-kunsens tal-'Club' tiegħu qabel ma jmur jaqdef ma 'Club' ieħor. Dan japplika wkoll għat-training.

3.4.17 F'kompetizzjoni, ebda 'Club' ma jista' jinqeda bis-servizz ta' qaddief li jkun registrat ma 'Club' ieħor, jekk il-qaddief ma jkunx mehlus mil-'Club' tiegħu. Dak il-'Club' li jikser dan ir-regolament, ikun soggett ghall-passi dixxiplinari li jistaw jittiedhu kontrieħ.

3.4.18 Qaddief li jkun registrat ma' 'Club' u xjentement jirregistra ma' 'Club' ieħor, ikun sospiz immedjatament u ma jkunx jista jaqdef ma' ebda 'Club' qabel ma l-kas tiegħu jinqata' mill-Kunsill.

3.4.19 'Club' affiljat li jkun jaf b'xi nuqqas fir-rigward ta' registrazzjoni ta' qaddief/a, huwa fid-dover li jinforma lil dak il-'Club' kif ukoll lill-Kunsill.

3.4.19 Kull qaddief li minghajr raguni valida jonqos li jirrapprezenta lil-'Club' li mieghu jkun irregistrat, ghar-regatta, jekk ikun irrapurtat mil-'Club' tiegħu u jinstab ħati, jiġi sospiz għal zewg Regatti. Ragunijiet validi accettati huma biss dawk ta' xoghol jew mard. F'kaz ta' xoghol il-qaddief irid jipprezenta dokument li jixhed dan minghand il-*principal* (mingħand l-imgħallem jew min iħaddmu*)* tiegħu. Dan id-dokument irid bilfors jigi pprezentat qabel ir-Regatta konċerneta, inkella ma jkunux ikkunsidrat. F'kaz ta' mard, il-qaddief irid ipprezenta certifikati medici u jaccetta li jkun invistat mit-tabib tal-klabb li mieghu ikun irregistrat. Ic-certifikati ta' mard iridu jkunu pprezentati qabel ir-Regatta, kif wkoll il-vista mit-tabib tal-'club', jekk ikun il-kaz, trid issir qabel ir-Regatta, inkella ma jkunux ikkunsidrati. F'kaz li

jinħargu certifikati kemm mit- tabib tal-klabb kif ukoll mit-tobba oħra privati, dak mahrug mit-tabib tal- klabb ikun l- uniku wiehed validu.

3.4.20 Qaddief jista jitlob l- intervent ta' l- Għaqda biex jigi mehlus minn ma' 'Club'.

3.4.21 Qaddief ma jistax jieħu sehem f' aktar minn TLETT tiġrijiet fir-Regatta.

3.4.22 Fejn ikun hemm kompetizzjonijiet li jitolbu limitu ta'eta biex qaddief ikun eliġibli biex jippartecipa, tali eligibilita' tkun stabbilita skond is-sena li l-qaddief ikun twieled fiha.

3.4.23 Qaddief jista, jekk irid, jiddikjara li ma jridx jibqa attiv u jista jagħmel hekk billi jimla l-formola apposta. F'dan il-kas ir-reġistration titqies bħala 'frizata' imma l-qaddief jibqa jitqies bħala registrat mal-'Club' u ma jistax jerga jirregistra ma 'club' iehor. Meta tigi kkalkolata id-data ta' meta r-registrazzjoni tal-qaddief tiskadi, il-perjodu ta-zmien li fih ir-registrazzjoni tkun frizata ghandu jizdied mal-perjodu ta' registrazzjoni li originarjament kien iffarma għalieh il-qaddief.

3.4.24 'Club' għandu wkoll id-dritt li jiddikjara li qaddief tiegħu m'għadux Attiv izda f'dan il-kas ir-reġistrazzjoni ma titqiesx bħala 'frizata'.

3.4.24 Qaddief li kien iddikjarat mhux attiv jista, jekk irid, jiddikjara li jixtieq jerga jigi ikkunsiderat bħala qaddief attiv li jista jikkompeti. Dan għandu jagħmlu billi jimla l-formola apposta u jħallas il-mizata kif stipulat f'Annex II.

3.4.25 Kull qaddief li jkun qed jitħarreg fuq il-baħar, qabel jinzel fid-dgħajsa, irid jinnota f'reġistru apposta li jinzamm fil-'Club' ismu u kunjomu, il-ħin li se jinzel għat-taħriġ u d-dgħajsa li se juza. Wara li jitla lura fuq l-art ghandu jitnizzel ukoll il-hin li jkun spicca mit-tahrig fuq il-baħar. L-Għaqda zzom id-dritt li tispezzjona tali reġistru u f'kas illi instab illi qaddief jonqos milli jnizzel dawn id-dettalji fuq ir-registru għandu jigi immultat kif stipulat f'Annex II. Huwa ssuggerit illi qaddiefa jinformaw lil xi persuna li se tibqa fuq l-art meta huma jkunu sejrin għat-taħrig fill-baħar.

3.4.26 Meta persuna tirregistra bħala qaddief, inkluz dawk bil-kunsens tal-genituri u/jew tuturi tiegħu f'kas li għadu ma għalaqx 18-il sena, barra milli taqbel li qed tirregistra mal-'Club' għall-perjodu stipulat, trid taqbel ukoll illi

(a) L-informazzjoni fil-formola tar-registrazzjoni hija korretta u qed jobbliga ruħu li jinforma lil Għaqda Regatta Nazzjonal u Qdif Iehor meta jkun hemm xi bdil f'din l-informazzjoni
(b) Qiegħed jintrabat li jobdi r-regolamenti kollha tal-Club li miegħu qed jireġistra, ta' l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor inkluz l-kodiċi ta' dixxiplina, ir-regolamenti maħruga mill-FISA u/jew min entitajiet kompetenti oħra inkluz SportMalta. Ghaqda Regatta Nazzjonal u Qdif Ieħor u l-entitajiet l-oħra jirriservaw id-dritt li matul is-snin jistaw jibdlu ir-regolamenti tagħhom kif u meta jaħsbu li hu l-aħjar.
(c) Lest illi joqgħod ghat-Test tad-Doping jekk ikun mitlub u li jaf bir-regolamenti dwar l-antidoping kif spjegat fuq L.N. 17 ta' 2015 (SPORTS ACT, KAP. 455).
(d) Qiegħed jintrabat li jkun jaf, u jobdi, il-liġijiet u r-regolamenti kollha relatati mal-bahar u/jew l-uzu ta' dgħajjes fil-port u li se joqgħod għall-istruzzjonijiet mogħtija lilu min Transport Malta, pulizija, armata u entitajiet kompetenti oħra. Huwa qed

jifhem illi ksur ta' dawn ir-regolamenti u ligijiet min-naħa tiegħu jistaw iwasslu għall-multi u/jew pieni karcerarji, liema multi u/jew pieni karcerarji rridu jiġu mħallsa u/jew

(e) Qiegħed jiddikjara qed jagħti kunsens lill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor biex tistorja u tuza din l-inormazzjoni u tgħaddieha lil entitjiet oħra skond il-bzonn, dejjem kif tippermetti id-Data Protection Act (Kap. 440 tal-Ligijiet ta` Malta)

(f) Qiegħed jiddikjara li ma jezistux sitwazzjonijiet u ma jbatix min problemi ta' saħħa jew min xi forma ta' disabilita li tista tkun ta' periklu għalieh jew għal sħabu waqt it-training jew f'kompetizzjoni.

(g) Qiegħed jezonera lil-'Club' tiegħu, lill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor kif ukoll lid-dirigenti, membri u mpjegati tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u tal-'Club' tieghu min kwalunkwe danni materjali, fizici, morali jew ta xorta ohra li jista jbghati hu, familjari jew dipendenti tiegħu. Huwa obbligat ukoll illi jaghmel tajjeb għad-danni li jsofru l-'Club'/s, Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u/jew dirigenti, membri, impjegatiu/jew dipendenti taghħom f'kas illi dawn id-danni kienu kkwazati minn negligenza jew agir ħazin tiegħu.

3.4.27 *Deleted.*

3.4.28 (a) Kull persuna li matul ħajtu kien reġistrat bħala qaddief u qadef f'xi tigrija tar-Regatta Nazzjonali *jew* f'xi tigrija ohra fuq l-ilma organizzata mill-Għaqda (mhux indoor rowing biss) u li ma jkunx għadu reġistrat minħabba li l-perjodu ta' reġistrazzjoni jkun skada jista jissieħeb direttament ma' l-Għaqda Regatta bħala QADDIEF IRTIRAT. Dan għandu jagħmlu billi japplika fuq il-formola apposta u jħallas l-applikazzjoni u/jew il-menswalita bħala QADDIEF IRTIRAT.

(b) QADDIEF IRTIRAT jista jippartecipa f'kompetizzjonijiet ta' *indoor rowing* organizzati mill-Għaqda bl-istess mod illi jiehdu sehem qaddiefa attivi u għall-dik l-attivita biss jitqies bħala qaddief.

(c) QADDIEF IRTIRAT li jkun jixtieq jerġa jikkompeti fir-Regatta Nazzjonali u/jew f'xi kompetizzjoni jew tigrija fuq l-ilma oħra miftuħa biss għall-qaddiefa attivi għandu jerġa jirreġista bħala qaddief ma' xi 'Club' b'mod regolari dament illi ir-regolamenti ta' din il-kompetizzjoni jew t-tigrija partikolari ma jkunux jippermettu b'mod specifiku il-partecipazzjoni ta' QADDIEF IRTIRAT.

(d) Id-dritt ta' sħubija bħala QADDIEF IRTIRAT jintilef f'kas illi qaddief ikun ġie sospiz minħabba li jkun instab posittiv f'xi kas relatat ma' doping u ma jkunx rega qadef b'mod ufficjali f'xi kompettizzjoni wara li jkun skada il-perjodu ta' sospensjoni.

3.4.29 Qaddiefa ma jistawx jikompetu f'kompettizzjonijiet ta Qdif Iehor minghajr il-kunsens tal-klabb li jkunu registrati mieghu.

## 3.5 ATLETI REGISTRATI *(kategorija għall-Indoor Rowing biss)*

3.5.1 ATLETI REGISTRATI huma:

(a) Dawk l-atleti registrati ma' entita` li tkun MEMBRU ASSOĊJAT u li qed jirregistraw ma' l-Għaqda biex jieħdu sehem f' attiviatjiet li jinvolvi l-qdif li ma jsirx fuq l-ilma (indoor rowing) bhala affiljati ma' din l-entita`;

(b) Dawk l-atleti individwali li jirregistraw ma' l-Għaqda bħala individwi biex jieħdu sehem f' attiviatjiet li jinvolvi l-qdif li ma jsirx fuq l-ilma (indoor rowing).

3.5.2 ATLETI REĠISTRATI ma jintqisux bħala 'qaddiefa' izda waqt attivitaijiet ta' *indoor rowing* huma jgawdu mill-privileġġi li jgawdu l-qaddiefa.

3.5.3 ATLETI REĠISTRATI ma jistawx jieħdu sehem f'tiġrijiet li jsiru fuq l-ilma jekk ma jirreġistrawx bħala QADDIEFA ma' xi entita li tkun MEMBRU SĦIĦ jew MEMBRI BI DRITT T'OSSERVATUR.

3.5.4 F'kas li ATLETA REĠISTRAT jirregistra ma xi 'Club' bħala QADDIEF, ir-registrazzjoni tiegħu bħala ATLETA REĠISTRAT taqa b'mod awtomatiku u tidhol fis-seħħ dik ta' QADDIEF.

3.5.5 ATLETI REĠISTRATI m'għandhomx id-dritt li jkunu prezenti waqt laqghat tal-Kunsill lanqas bħala osservaturi dament li ma jkunux mistiedna biex jagħmlu dan mill-Kunsill.

3.5.6 Atleta li jrid jingħaqad mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor bħala ATLETA REĠISTRAT jista jagħmel dan billi japplika tramite l-entita` li se jkun affiljat magħha, jekk ikun il-kas, u jhallas il-mizati appropjati.

3.5.7 F'kas illi atleta jkun irid jingħaqad mal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor bħala atleta individwali (jigfieri jitqies bhala ATLETA REĠISTRAT MHUX AFFILJAT) irid jibgħat applikazzjoni lis-Segretarju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor fuq il-formola apposta u jibgħat ma' l-applikazzjoni il-ħlas tal-mizata ta' reġistrazzjoni bħala ATLETA REĠISTRAT MHUX AFFILJAT li tinkludi il-menswalita annwali ta' dik is-sena. Din l-applikazzjoni tkun kunsidrata fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill u biex tkun milquha teħtieg nofs (1/2) tal-voti tal-membri tal-Kunsill preżenti.

3.5.8 Il-perjodu ta' registrazzjoni ta' atleti li jissieħbu taħt din il-kategorija tkun dik ta' sena li tkun imgedda b'mod awtomatiku b'sena sena sakemm titħallas il-mizata annwali ta' shubija kull sena bil-quddiem. F'kas illi sat-30 ta' Gunju tkun għada ma tħallsitx din il-mizata annwali, l-atleta ma jibqax meqjus bhala registrat u jkun irid jerga jissieheb mill-gdid.

3.5.9 Atleta registrat jista, jekk irid, jiddikjara li ma jridx jibqa attiv billi jimla l-formola apposta. Dan ma jkollu ebda effet fuq il-perjodu ta' registrazzjoni ta' l-atleta li jibqa jitqies bħala reġistrat mingħajr ma jkollu d-dritt li jikkompeti.

3.5.10 Atleta registrat li kien iddikjara ruħu mhux attiv jista, jekk irid, jiddikjara li jixtieq jerga jigi ikkunsiderat bħala atleta attiv li jista jikkompeti. Dan għandu jaghmlu billi jimla l-formola apposta u jħallas il-mizata kif stipulat f'Annex II.

3.5.11 Meta persuna tirregistra bħala atleta reġistrat, inkluz dawk bil-kunsens tal-ġenituri u/jew tuturi tiegħu f'kas li ghadu m'għalax 18-il sena trid taqbel ukoll illi

(a) L-informazzjoni fil-formola tar-registrazzjoni hija korretta u qed jobbliga ruħu li jinforma lil Għaqda Regatta Nazzjonal u Qdif Iehor meta jkun hemm xi bdil f'din l-informazzjoni

(b) Qiegħed jintrabat li jobdi r-regolamenti kollha ta' l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor inkluz l-kodici ta' dixxiplina, ir-regolamenti maħruga mill-FISA u/jew min entitajiet kompetenti oħra inkluz SportMalta. Għaqda Regatta Nazzjonal u Qdif Ieħor u l-entitajiet l-ohra jirriservaw id-dritt li matul is-snin jistaw jibdlu ir-regolamenti tagħhom kif u meta jaħsbu li hu l-aħjar.

(c) Lest illi joqgħod għat-Test tad-Doping jekk ikun mitlub u li jaf bir-regolamenti dwar l-antidoping kif spjegat fuq L.N. 17 ta' 2015 (SPORTS ACT, KAP. 455) u lest illi jimxi inormazzjoni u tgħaddieha lil entitjiet oħra skond il-bzonn, dejjem kif tippermetti id-Data Protection Act (Kap. 440 tal-Ligijiet ta` Malta).

(d) Qiegħed jiddikjara li ma jezistux sitwazzjonijiet u ma jbatix min problemi ta' saħħa jew min xi forma ta' disabilita li tista tkun ta' periklu għalih jew għal sħabu waqt it-training jew f'kompetizzjoni.

(e) Qiegħed jeżonera, lill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor kif ukoll lid-dirigenti, membri u mpjegati tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor min kwalunkwe danni materjali, fizici, morali jew ta xorta oħra li jista jibagħti hu, familjari jew dipendenti tiegħu. Huwa obbligat ukoll illi jagħmel tajjeb għad-danni li jsofru l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor u/jew dirigenti, membri, impjegati u/jew dipendenti tagħhom f'kas illi dawn id-danni kienu kkwazati minn negligenza jew aġir hazin tiegħu.

# 4. IL-KUNSILL

4.1 L-Ghaqda tkun immexxija minn Kunsill li jkun elett kull sena u li jkun magħmul minn membri (massimu ta' zewg persuni) li jkunu nominati minn 'Club' affiljat bhala MEMBRU SĦIĦ. Kull 'Club' ikollu membru sostitut wieħed li jkun jista' jattendi għas-seduta fl-assenza ta' membru nominat. Il-membri u l-membri sostituti jridu jkunu eletti fil-Kumitati tal-'Club' taghhom. Jekk il-membri, jew il-membru sostitut, jirrizenjaw mill-Kumitati tal-'Clubs' jew ghal xi raguni ohra ma jibqghux jiffurmaw parti mill-Kunsill tal-Għaqda, il-'Club' jrid jahtar ohrajn minflokhom u javza bil-miktub lill-Kunsill minn qabel.

4.2 L-Ghaqda għandu jkolla ħames Uffiċjali kif gej:

President
Segretarju
Kaxxier

Reġistratur
L-Uffiċjali għar-Relazzjonijiet Pubblici (PRO)

liema uffiċjali għandhom ikollom ukoll l-assistenti tagħhom. Fil-kas tal-President, l-assistant tiegħu jissejjaħ Viċi President, waqt li l-Assistenti Uffiċjali l-oħra jissejħu Assistent Segretarju, ecc. L-ufficjali (u mhux l-assistenti ufficjali) jistaw ikunu gejjin mill-'Clubs' MEMBRI SĦAĦ *jew* ikunu persuni indipendenti. Dawn huma eliġibbli li jaqdu dmirhom fl-Għaqda għal perjodu ta' sentejn, anke jekk dawn il-persuni jispiċċaw mill-'Clubs' (jekk applikabbli).

4.3 Il-votazzjoni fil-Kunsill u fil-Laqgħat Ġenerali ssir a bazi ta' vot wiehed ghal kull MEMBRU SĦIĦ u f'kas li jkun hemm votazzjoni li tispicca f'parita', ikun hemm il-'*casting vote* tal-president u s-segretarju bejniethom, li dejjem ghandu jittehed fuq prassi li fuqhom jittiehdu *casting votes*, jigifieri li jew ihallu l-*istatus quo* jew jippermettu iktar zmien ghad-diskussjoni.

4.4 Il-Kunsill jesiġi li jkun involut fil-laqgħat u d-diskussjonijiet li jsiru mill-Gvern fejn jirrigwarda ir-Regatta u/jew l-isport tal-Qdif u għal dan il-għan għandu jkun rapprezentat mill-president u s-segretarju, jew, jekk tkun il-htiega, jigu ddentifikati il-persuni li għandhom ikunu prezenti għall-dawn il-laqgħat biex jirraprezentaw l-Għaqda. F'tali laqgħat, il-membri maħtura jridu jwasslu d-deċizjonijiet meħuda, u jekk id-decizjoni tkun unanima, din għanda tiġi aċċettata mill-Gvern, kif dejjem sar fil-passat.

4.5 Il-Kunsill ghandu d-dover li jmexxi l-amministrazzjoni generali tal-Għaqda fl-aħjar interess ta' l-attivita' sportiva tal-qdif u tal-'Clubs' affiljati magħha.

4.6 B'mod partikolari, il-Kunsill ikollu d-dritt u d-dmir ukoll illi:

- Jagħmel u jippublika ir-regolamenti ghall-kompetizzjonijiet organizzati mill-Għaqda u ghandu s-setgħa li jara meta jkun mehtieg li jsir tibdil f'dawn ir-regolamenti;
- Jaħtar kull meta jista', organizzazzjoni ufficjali biex tikkontrolla u tissolvelja t-tigrijiet li jkunu organizzati mill-Għaqda.
- Jaħtar Kummissjonijiet jew bordijiet biex iwettqu dmirijiet specifici, inkluz Bord ta' Dixxiplina;
- Jittratta kull ksur u jiddeciedi fuq il-kwistjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mad-definizzjoni u l- interpretazzjoni ta' l-istatut, li *Standing Orders* u r-Regolarmenti tat-tigrijiet organizzati mill-Għaqda.
- Jirċievi u jaqta' appelli, inkluz dawk mehuda mill-Board ta' Dixxiplina;
- Li jagħzel qaddiefa jew numru ta' qaddiefa biex jirrapprezentaw lil pajjizna f'kompetizzjonijiet Nazzjonali u Internazzjonali u li jharreg, jiggwida u josselvelja lill-qaddiefa jaslu għal għan tagħhom.

4.7 Il-Kunsill ghandu s-setgha li jwissi, u/jew ikecci, jissospendi mis-shubija, kull membru individwali, qaddief, atelta jew kull 'Club' li jinstab hati li :-

(i) Kiser ir-regolamenti tal-kompetizzjoni organizzata mill-Għaqda;
(ii) Kien ta' mġieba ħazina jew instab li qarraq jew inqeda b'xi qerq għall-għanijiet personali;
(iii) Fil-kas ta' 'Clubs', ma jkunx qiegħed jitmexxa b'mod regolari u skont l-Istatut taghhom.

4.8 Kull deċizjoni li jieħu l-kunsill titqies bħala waħda finali u trid tkun osservata.

## 5. ĦATRA TA' L-UFFIĊJALI TAL-KUNSILL U L-ASSISTENTI

5.1 L-Ufficjali u Karigi Ufficjali u l-*appointment period* tagghom jkunu kif gej:

President
- Vici President
- Vici President (Regatta Tradizzjonali)
- Vici President (Qdif Iehor)

Segretarju Amministrattiv
- Assistent Segretarju (Regatta Tradizzjonali)
- Assistent Segretarju (Qdif Iehor)

Kaxxier
- Assistent Kaxxier (Regatta Tradizzjonali)
- Assistent Kaxxier (Qdif Iehor)

Registratur

Ufficjal ghar-relazzjonijiet Pubblici u Awditur

F'termini semplici il-karigi jigu kif gej: l-president assistit min vici president; Taht il-president jaqghu iz-zewg sezzjonijiet cioe Regatta u Qdif Tradizzjonali u Affarijiet Internazzjonali u Qdif Iehor li jkun immexxija min zewg Vici Presidenti ghaz-zewg sezzjonijiet rispettivi; Segretarju Amministrattiv li tahtu jaqghu is-segretarji ta kull sezzjoni; Kaxxier li tahtu jaqghu l-assistenti kaxxiera li jkunu qed jirrapprezentaw lil kull sezzjoni; Registratur wiehed li jkollu taht kontrol ir-registrar ta kull sezzjoni.

Sa kemm ma jkunx hemm rizejni, tkeċċija jew imwiet matul is-sena, l-Uffiċjali jkunu jkunu maħtura fil-Laqgħa Ġenerali Annawali (LGA) u l-ħatra tagħhom tkun għal sentejn.

F'kas li jkun hemm rizenja, tkeccija jew imwiet matul l-ewwel sena tal-kariga, jew għal xi raġuni oħra l-post tagħhom jista battal, allura l-ħatra għall-uffiċjal li jkun gie *vacant* issir waqt Laqgħa Ġenerali Staordinarja (LGS) li tissejjaħ apposta fi zmien ragonevoli, izda mhux aktar tard min tlett xhur. F'kas li l-post ikun sar battal fi zmien l-ewwel sena tal-kariga, l-ħatra ssir bi skadenza ta' meta suppost kienet tiskadi il-hatra orginali (jigifieri l-ħatra jkolla terminu ta' inqas min sentejn). Pero, f'kas li l-post ikun sar battal matul it-tieni sena tal-kariga, il-ħatra ssir bi skadenza ta' meta suppost kienet tiskadi il-hatra tkun suppost se ssir fl-LGA li jkun imiss (jiġifieri l-ħatra jkolla terminu ta' ftit aktar minn sentejn).

5.2 Xahar qabel ma tkun ser issir il-Laqgħha Ġenerali, is-Segretarju ta' l-Għaqda għandu jitlob mingħand id-delegati tal-'Clubs' li jkunu MEMBRI SĦAĦ nominazzjonijiet għall-pozizzjonijiet ta' uffiċjali li ghalihom tkun se ssir l-elezzjoni. Il-proponent u sekondant iridu jkunu delegati ta' 'Clubs' li jkunu MEMBRI SĦAĦ. In-nominazzjonijiet iridu jaslu ghand is-

Segretarju ta' l-Gaqda (jew l-Assistant Segretarju, f'kas ta' rizenja, tkeċċija jew mewt tas-Segrearju) mhux aktar tard min gimgħa qabel il-Laqgħa Generali u għandhom jigu diskussi mill-Kunsill jew waqt laqgħa mgħajta apposta bħala preparazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali jew b'mod virtwali. Barra min hekk:

5.2.1 Kull Ufficjal huwa obbligat li jahtar l-assistent tieghu li ghandu jkollu normalment, izda mhux neccessarjament ikun persuna li tkun membru tal-Kunsill. Sa kemm ma jkunx hemm rizejni, tkeċċija jew imwiet matul is-sena, l-Uffiċjali jkunu maħtura fil-Laqgħa Ġenerali Annawali (LGA) kollha f'daqqa u l-ħatra tagħhom tkun għal sentejn. Maghhom imbad jinhatru l-assistenti ukoll ghal-sentejn. Dan sabiex l-ufficjali u l-assistenti taghhom ikunu jistghu jahdmu liberalment u x-xoghol pjanat ma jieqafx nofs triq. In-nies mahtura jkunu subject to approval.

5.2.2 L-president ikollu d-dritt li jinnomina hu l-Ufficjal ghar-relazzjonijiet pubblici (PRO) li mhux necessarjament ikun membru tal-kunsill u wkoll ikollu dritt li jekk tinhass il-htiega ikun hu stess li jiehu hsieb din il-kariga.

5.3 F'kas li persuna nominata għal Uffiċjal tkun ġiet proponuta u ssekondata minn iktar min 50% tal-'Clubs' li jkunu MEMBRI SĦAĦ, in-nominazzjonijiet jistaw jagħlqu qabel iz-zmien.

5.4 Jekk meta jgħalqu n-nominazzjonijiet jinstab li ma jkunx hemn nominazzjonijiet għal xi kariga partikolari, għanda ssir diskussjuni qabel il-laqgħa ġenerali, liema diskusussjoni tista ssir waqt laqgħa mgħajta apposta bħala preparazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali jew b'mod virtwali. Jekk tibqa ma tkunx identifikata l-persuna għal xi kariga partikolari, il-laqgħa ġenerali ssir xorta u għanda tinħatar persuna bħala 'Acting Officer' sa ma jkun tkun giet identifikata persuna li tkun tista tokkupa l-kariga b'mod regolari. F'dan il-kas, meta jkun jidgher car il-ħarta tkun tista ssir, għanda tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Staordinarja apposta biex tiġi kkonfermata l-ħatra. F'każijiet eċċezzjonali, jistaw isiru wkoll nominazzjonijiet għall xi karigi li jkun għad fadal dak il-ħin tal-Laqgħa Ġenerali Annwali.

5.5 F'kas ta' rizenja, tkeccija jew imwiet ta xi ufficjal, l-Assistenti Uffiċjali għandhom jitqiesu b'mod immedjat bħala *Acting* u f'kas illi l-Ufficjal kien firmatorju, għandhom isiru t-tibdiliet neccessarji biex l-*Acting Officer* jibda jiffirma flok l-ufficjal li jkun irrizenja, tkeċċa jew miet. Dan iffisser illi rizenja jew tkeccija ta' ufficjal ma' tfissirx rizejna ta' l-Assistant tieghu.

5.6 Waqt il-Laqgha Ġenerali Annwali, il-Kunsill jista', jekk jidhirlu, jaħtar Patruni, Presidenti Onorarji tal-Għaqda. Dawn ma jkollhomx id-dritt awtomatiku li jattendu għall-laqgħat.

5.7 Fil-laqgħa Ġenerali Annwali jridu jinħatar ukoll awditur (jew aktar) li jkollu d-dmir li jiċċekkjaw il-kotba finanzjarji tal-Għaqda u jiffirmaw ir-reġistri li jkunu raw. L-awdituri li jinħatru ma jridux ikunu membri nominati għall-Kunsill bil-vot.

# 6. LAQGĦAT ĠENERALI

6.1 Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għanda ssir fix-xahar ta' Jannar jew Frar skont l-esiġenza jew urġenza. Fil-laqgħa Ġenerali Annwali, barra l-elezzjoni tal-Kunsill il-gdid, il-president jew is-Segretarju irid jaqra' r-Rapport Amministrattiv u l-Kaxxier ir-Rendikont Finanzjarju. Il-President għandu dejjem jagħmel l-indirizz tiegħu qabel l-elezzjoni tal-Kunsill il-gdid. L-Agenda għanda tkun kif gew:

- Talba
- Ħatra ta' Chairperson
- Approvazzjoni ta' l-Agenda
- Qari ta' Minuti
- Rapport Amministrattiv
- Rapport Finanzjarju
- Mozzjonijiet
- Emendi fl-Istatut
- Diskors tal-President
- Ħatra ta' l-Ufficjali
- Affarijiet Oħra

6.2 Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali, u f'Laqgħat Ġenerali oħra ta' l-Għaqda, għandom jieħdu sehem żewġ membri delegati minn kull 'Club' affiljat izda jkunu biss il-MEMBRI SĦAĦ li jkollhom id-dritt tal-vot.

6.3 Kull 'Club' affiljat għandu jibgħat lir-Reġistartur ta' l-Għaqda, qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali lista sħiħa tal-Kumitat u jindika ż-żewġ delegati li jkunu awtorizzati li jattendu għal-Laqgħa Ġenerali u tal-Kunsill. Għandu jigi ndikat ukoll il-membru sostitut.

6.4 Il-Kunsill jista' jgħajjat Laqgħa Ġenerali Straordinarja meta jkun meħtieg. L-istess dritt jingħata lill-55% tal-'Clubs' MEMBI SĦAĦ affiljati, basta dawn jaghmlu talba bil-miktub flimkien, fejn fiha jagħtu r-raġunijiet għala jridu li ssir din il-Laqgħa. Il-Kunsill ikun marbut li jsejjaħ il-Laqgħa mitluba mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata minn meta tasal it-talba formali għand is-segratarju.

6.5 Il-Kworum għal-Laqgħat Ġenerali huwa ta' wieħed aktar minn nofs l-għadd ta' 'Clubs' li għandom id-dritt jattendu għal dawn il-Laqgħat u jivvutaw. Jekk il-kworum ma jkunx intlahaq fil-ħin avzat, il-Laqgħa tibda' nofs siegħa wara bil-membri prezenti.

6.6 Mozzjonijiet u emendi jridu jaslu għand l-Għaqda sa' mhux anqas minn għaxar (10) t'jiem qabel il-Laqgħa Ġenerali u jridu jiġu ċirkolati lill-'Clubs' sa' mhux aktar tard minn sebgħa (7) t'ijiem qabel il-laqgħa.

## 7. LAQGĦAT TAL-KUNSILL

7.1 Il-Kunsill irid jiltaqa regolarment, ta' l-anqas darba kull xaharejn u skond il-ħtiega, jew fuq talba bil-miktub ta' 55% tal-'Clubs' MEMBRI SĦAĦ.

7.2 Is-seduti tal-Kunsill ikunu msejha mill-President u/jew mis-Segretarju.

.

7.3 Kull seduta tal-Kunsill gĦandha tigi ppreseduta mill-President u fl-assenza tiegĦu mill-Vici President. Fil-kaz li l-President u l-Viċi President ikunu assenti, il-LaqgĦa tiĠi posposta.

7.4 Il-President huwa l-persuna responsabbli għall-ordni ta' kull seduta u jista' jissospendi mill-kamra lil dawk li fil-fehma tiegħu ma jkunux ġiebu, jew mhux qegħdin joqogħdu ruħhom tajjeb.

7.5 Kull membru tal-Kunsill għandu l-jedd li jikkontesta r-ruling tal-President billi jagħti avviz ta' mozzjoni b'dan il-għan il-mozzjoni li tkun diskussa fl-ewwel Seduta li ssir.

7.6 Il-kworum għall-Kunsill huwa wieħed aktar minn nofs mir-rapprezentanza tal-'Clubs' MEMBRI SĦAĦ li jkunu fil-Kunsill. Jekk dan in-numru ma jintlaħaqx, is-seduta tiġi aġġornata għal darba oħra, fejn tista ssir anke bil-membri preżenti wara nofs siegħa mill-ħin avzat.

7.7 Il-laqgħat kollha ta' l-Għaqda ma jistawx jiġu rrekordjati *jew* trasmessi b'xi mod (p.ez. telephone) li terzi persuni minghajr l-awtorizzazjoni tal-membri prezenti.

7.8 Kull membru tal-Kunsill huwa marbut li ma jizvelax kull diskussjoni ta' xeħta kunfidenzjali li jsiru fil-Kunsill taħt piena li jkun imkecci mill-Kunsill u/jew multa kif definit f'Annex II.

## 8. ID-DMIRIJIET TAL-UFFIĊJALI TAL-KUNSILL

8.1 Il-President huwa responsabbli għat-tmexxija tajba tal-Għaqda. F'din ir-responsabilta huwa jkun mgħejjun mill- Viċi President, mill-uffiċjali u mill-membri kollha tal- Kunsill. Il-President huwa fid-dmir li jordna li jkunu msejħa u li jsiru l-Laqgħat tal-Kunsill, jippriesedi fihom kif ukoll jippresedi fil-Laqgħat Ġenerali li jsiru (jekk ma jkun inħatar 'Chairman' differenti).

8.2 Il-Viċi President huwa fid-dmir li jgħin lill-President fix-xoghol tiegħu u mmexxi/jippresiedi minfloku meta jkun assenti.

8.3 Is-Segretarju huwa fid-dmir li jinnota u jikteb dak illi jsir fis-seduti kollha, izomm ittri li jircievi u kopja tal-korrispondenzi li jibgħat. Id-dokementi oriġinali rridu jkunu rritornati lil Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor f'kas li s-Segratrju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, għal xi raġuni jew oħra, ma jibqax jokkupa l-kariga.

8.4 Il-Kaxxier għandu jzomm il- kotba tal-flus u d-dokumenti tal-Bank u dan għandu jipprezenta lill-Kunsill, rapport finanzjarju kull tlett xhur.Huwa jrid jagħti Rapport Finanzjarju fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

8.5 Ir-Registratur tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor huwa persuna inkarigata biex tiġbor u zzomm *aggiornati* id-dokumenti imsemmija f'paragrafu 3.1.11. Huwa jista jkun mitlub illi jattendi għall-laqgħat u l-attivitajiet li l-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor torganizza.Ir-Reġistratur tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor huwa wkoll obbligat illi b'mod regolari jgħaddi *kopja eletronika* lill-President u lis-Segretarju tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor tad-dokumenti fil-pussess tiegħu li t-tlieta li huma rridu jħarsu id-dispozizzjonijiet tad-Data Protection Act fejn applikabbli. Id-dokementi originali iridu jkunu irritornati lil Ghaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Iehor f'kas li Reġistratur tal-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor, għal xi raġuni jew oħra, ma jibqax jokkupa l-kariga. Ir-registratur ghandu jara li l-informazzjoni dwar il-Qaddiefa tkun maqsuma mall-clubs kollha , biex b'hekk il-clubs kollha jkollom l-istess access b'mod ugwali ghall informazzjoni. L-informazzjoni ghada tkun kif gej: Isem u Kunjom, Data ta twelid, Club, Data tar-registrazzjoni u id-Data ta l-Iskadenza. Din l-informazzjoni ghanda tintbghat mir-Registratur darbtejn fis-sena, wara r-Regatta ta' Marzu u wara r-Regatta ta'Settembru lis-Segretarji ta kull club. Ma l-obbligi tar-Registratur jizdied obligu iehor , illi kull meta jidhol release ghand ir-Registratur dan ghandu jinforma lill-clubs permezz ta'email fuq regatta.clubs@gmail.com fi zmien 48 siegha.

8.5.1 Formoli tas-Selef, Rillaxx jew Registrations irridu jidahlu ghand ir-Registratur sa mhux aktar minn 48 siegha mid-data tal-firma. (Tista tintbghat Soft Copy permezz ta email u il-Hard Copy tinghata fl-ewwel laqgha li ikun imiss). F'kaz li ir-Registratur ikun indispost dawn ghandom jinghataw lis-Segretarju Amministrattiv jew lill-assistenti tieghu.

8.5.2 Il-clubs huma obligati illi meta Qaddief ikun fuq prova ma club ghandom jinfurmaw ir-Registratur b'dan fi zmien 48 siegha.

8.5.3 Registrations, Formoli tas-Self u Rilaxx flimkien mall-hlas dovut, irridu jintbghatu ghand ir-Registratur sa mhux aktar tard minn 21 gurnata minn qabel id-data tar-Regatta. Clubs li ikunu naqsu milli jaghmlu dan jew clubs li permezz ta traskuragni jew nuqqas iehor ma jkunux baghtu id-dokumenti fil-hin il-Line-Up taghom ma tkunx accetata.

8.6 L-Ufficjali għar-Relazzjonijiet Pubblici (PRO) huwa fid-dmir li joħrog komunikat għall-istampa kull meta jkun hemm bzonn. Huwa mistenni li jaħdem f'ko-ordinazzjoni mas-Segretarju u l- President. L-ufficjal ghar-relazzjonijiet pubblici (PRO) huwa obbligat li jzomm lid-dilettanti infurmati b'dak li jkun ghaddej minghajr ma jizvela dak li jkun gie diskuss b'mod sigriet fil-laqghat.

8.7 L-Assistent Segretarju, Assistent Kaxxier, Assistent Reġistratur u Assistent PRO iridu jgħinu lis-Segretarju, Kaxxier, Registratur u PRO rispettivament f' dak kollu li jkollhom bzonn u jagixxu flokhom meta dan ikun assenti.

8.8 F'komunikazzjoni kemm legali u kemm xorta oħra, l-Għaqda tkun irraprezentata mill-President u s-Segretarju, b'konsultazzjoni mal-Kaxxier jekk ikunu involuti finanzi.

8.9 Il-Kaxxier ma jistax izomm aktar min 500 ewro ( €500 ) f' idejh. Il-bilanc irid ikun depozitat f' Bank f'isem l-Għaqda. Fl-irtirar tal-flus mill-Bank irid ikun hemm il-firma ta' tnejn mill-President, Segretarju, Reġistartur u/jew Kaxxier.

8.10 L-Għaqda ma tidħolx responsabbli għad-dejn li jagħmlu l-Uffiċjali f'isimha, jekk kemm il-darba huma ma jkollomx setgħa għalih b' deċizjoni tal-Kunsill.

## 9. AFFARIJIET OĦRA.

9.1 L-Għaqda u l-membri taghha jiddikjaraw li huma impenjati illi kull attivita' li hija torganiżża tkun organiżżata fi spritu sportiv u ta' *fair play*. F'kas li xi qaddief, atelta, uffiċjal ta' *Club* jew persuna oħra ssir taf , B'MOD DIRETT, li saret xi attivita li tmur konta il-*fair play* (p.eż. li xi persuna tkun ġiet avviċinata biex isir xi forma ta' ftehim biex xi qaddief, uffiċjal jew *judge* jigi imħajjar li jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaga dwar xi regatta jew tellieqa oħra li fiħ jew dwaru jkollu x' jaqsam; jew; biex xi persuna turi jew teżerċita favuri kontra xi persuna jew naħa f' xi regatta jew tellieqa oħra; jew; biex jinfluwenza t-tmexxija jew ir-riżultat ta' xi regatta jew tellieqa oħra) għandu minnufih isir rapport b'mod immedjat u bil-miktub lill-pulizija li kopja tiegħu għanda tkun mgħoddija wkoll lill-Għaqda. F'kaz li l-informazzjoni tasal b'MOD INDIRETT, hija l-persuna li għandha l-informazzjoni "*first hand*" li trid tagħmel rapport b'mod immedjat u bil-miktub lill-pulizija u li kopja tiegħu ghanda tkun mgħoddija wkoll lill-Għaqda.

9.2 F'kas li tittieħed deċizjoni li tkun maħlula l-Għaqda, mill-flus u mill-propjeta' li jkollha l-Għaqda, jghaddu ghand ghaqda Volontarja Ohra jew issir skont kif ikun deciz f' Laqgħa Ġenerali Straordinarja li tkun tlaqqgħet apposta. Il-Fondazzjoni tal - Volontrajat tigi ukoll infurmata b'dan u kunsultata qabel ma ttitiehed decizjoni.

## 10. SENA FINANZARJA

10.01 Is-sena finanzarja t' l-Ghaqda Regatta NAzzjonali hi minn-Jannar sa Dicembru ta' l-istess

Sena. Kaxxier izomm nota ta kull transizzjoni li ssir matul is-sena, Fil LAqgha Genrali ta kull jigi rappurtat ir-rapport finanzarju ghal perjodu li jkun jkoppri sentejn ta qabel.

# ANNEX I: Qafas li fuqu jistaw isiru r-regolamenti tat-tigrijiet li jwasslu għar-rebħ tax-'Shield' fir-Regatta Nazzjonali bid-dgħajjes tradizzjonali.

Huwa ghan prinċipali ta' l-Għaqda li torganizza f'Malta ir-Regatta Nazzjonali tal-Vitorja u r-Regatta ta' Jum il-Ħelsien. Dawn ir-regatti jsiru fuq dawn il-principji fundamentali, liema principji ma jistawx jinbidlu hlief permezz ta' seduta generali, u jekk ikun hemm 2/3 ta' 'Clubs' li jaqblu mat-tibdiliet:

(a) Għandu jkun hemm għall-inqas zewg kategoriji (Kategorija A u Kategorija B) li jwasslu għar-rebħ ta' *Shield* b'ħames tiġrijiet kull waħda kif stipulat hawn taħt fejn l-ebda qaddief ma jista jieħu sehem f'iktar min tlett tigrijiet u:
   a. Ghas-sena 2016, kull qaddief li jkun qabes il-25 sena jista jieħu sehem biss f'kategorija waħda;
   b. Mis-sena 2017 il-quddiem:
      (i) Qaddiefa ta' eta' inqas minn 23 sena (U23) jistaw jiehdu sehem fiz-zewg kategoriji;
      (ii) Kull qaddief li jkun qabes il-25 sena izda għandu inqas minn 40 sena jista jieħu sehem biss f'kategorija waħda;
      (iii) Qaddief ta' bejn 40 sena u 45 sena, li huwa registrat għal 3 snin, jkun jista jagħzel jieħu sehem f'tiġrija wahda Kategorija A u f'tiġrija waħda Kategorija B, **jew** 3 tiġrijiet f'kategorija waħda;
      (iv) Qaddief li jkun qabes il-45 sena (Over 45) li huwa reġistrat għal 3 snin, jista jieħu sehem fiż-żewg kategoriji (bħall dawk U23).

   Kategorija A u Kategorija B huma kompletament indipendenti min xulxin.

(b) It-tul tal-korsa irid ikun iktar min 1000 metru u anqas min 1200 metru u dan irid ikun definit fir-regolamenti tat-tigrija li jridu ikuni ippubblikati min qabel.

(c) It-Tigrijiet tar-Regatta bid-dgħajjes tradizzjonali li jsiru F'jum il-Vitorja u Jum il-Ħelsien għadhom jibqaw isiru fil-Port il-Kbir u jitqiesu bħala parti mic-celebrazzjonijiet li jsiru fil-Festi Nazzjonali.

(d) F'kull kategorija jkun hemm ħames tigrijiet fejn min jidħol l-Ewwel, It-Tieni u t-Tielet igib dawn il-punti:

| **Tip ta' Dgħajsa u numru ta' qaddiefa** | L-Ewwel | It-Tieni | It-Tielet |
|---|---|---|---|
| Dgħajsa tal-Medalji b' erbgħa Qaddiefa | 20 | 12 | 6 |
| Frejgatina b'zewg qaddiefa u tmunier | 12 | 8 | 4 |
| Dgħajsa tal-Pass b'zewg qaddiefa | 20 | 12 | 6 |
| Kajjik b'zewg Qaddiefa | 12 | 8 | 4 |
| Dgħajsa tal-Pass b'erbgħa qaddiefa | 24 | 16 | 8 |

fejn l-ordni tat-tiġrijiet ikun kif ġej:

1. Kategorija B - Dgħajsa tal-Pass b'żewġ qaddiefa

2. Kategorija A - Dgħajsa tal-Medalji b' erbgħa Qaddiefa
3. Kategorija B - Kajjik b'żewġ Qaddiefa
4. Kategorija A - Frejgatina  b'żewġ qaddiefa u tmunier
5. Kategorija B - Dghajsa tal-Medalji b' erbgħa Qaddiefa
6. Kategorija A - Dghajsa tal-Pass b'żewġ qaddiefa
7. Kategorija B - Frejgatina b'żewġ qaddiefa u tmunier
8. Kategorija A - Kajjik b'żewġ Qaddiefa
9. Kategorija B - Dghajsa tal-Pass b'erbgħa qaddiefa
10. Kategorija A - Dghajsa tal-Pass b'erbgħa qaddiefa

(e) L-*overall placing* f'kull kategorija tingħata skond il-punt li jinġiebu fit-tiġrijiet kollha f'dik il-kategorija u s-shield tingħata lil dak il-'Club' li jgib l-aktar ammont ta' punti. F'kas ta' parita`, ix-*Sheild* tigi mirbuħa min dawk il-'clubs' li jkunu gabu l-akbar ammont ta' punti f'dik il-kategorija. Min jeħoda l-ewwel ikun definit fir-regolamenti tat-tigrija  jridu ikunu ppubblikati min qabel.

(f) Id-dgħajjes għandhom ikunu mibnija skond ir-regolameneti li tistipula l-Għaqda.

(g) It-Tiġrijiet tar-Regatta Nazzjonali bid-dgħajjes tradizzjonali għadhom jibqaw ikunu ffinanzjati mill-Gvern ta' Malta jew min entitatjiet tiegħu u jkun il-Gvern ta' Malta jew l-entitatjiet tiegħu li jieħdu ir-responsabilta' li japplikaw għall-permessi, jipprovdu l-infrasstruttura u jassiguraw il-sigurta' tal-poplu u l-qaddiefa.

(h) Għandu jkun ukoll il- Gvern ta' Malta jew l-entitatjiet tiegħu li jiffinanzja il-premjijiet u s-sussidji monetarji li jingħataw il-parteċipanti li għandhom jinkludu, barra minn shields, paljijiet, tazzi u medalji, premijitet monetarji li minn ta' l-inqas kif kienu fis-sena 2015, jiġifieri kif gej:

**Premjijiet Monetarji - Kategorija 'A':**
Tiġrija Dgħajjes 'A' Tal-Midalji: L-Ewwel Premju: €300; it-Tieni: €200; it-Tielet €150
Tiġrija Frejgatini: L-Ewwel Premju €195; it-Tieni €145; it-Tielet €115
Tiġrija Dgħajes 'C' Tal-Pass: L-Ewwel Premju €160, it-Tieni €110, it-Tielet €80
Tiġrija Kajjikki: L-Ewwel Premju €160, it-Tieni €110, it-Tielet €80
Tiġrija Dgħajjes 'B' Tal-Pass: L-Ewwel Premju: €300; it-Tieni: €200; it-Tielet €15 0

**Premjijiet Monetarji - Kategorija 'B':**
Tiġrija tad-Dgħajjes 'C' Tal-Pass: L-Ewwel Premju €140; it-Tieni €95, it-Tielet €70
Tiġrija Dgħajjes 'A' Tal-Midalji: L-Ewwel Premju: €280; it-Tieni: €185; it-Tielet €14 0
Tiġrija Frejgatini: L-Ewwel Premju €175; it-Tieni €130; it-Tielet €105
Tiġrija Kajjikki: L-Ewwel Premju €140, it-Tieni €95; it-Tielet €70
Tiġrija Dgħajjes 'B' Tal-Pass: L-Ewwel Premju: €280; it-Tieni: €185; it-Tielet €140

Jingħata sussidju ta' €150 lil kull klabb jekk l-opra li tkun qed tieħu sehem f'ismu tibda u tispiċċa l-istess tiġrija sa massimu ta' tlett (3) minuti wara li tkun daħlet l-opra rebbieħa. F'ka żijiet eċċezzjonali, l-organizzazzjoni għandha tikkunsidra li jingħata s-sussidju lil xi klabb li jkun beda t-tiġrija imma ma jkunx jista' jasal sal-linja finali minhabba xi ċirkustanzi validi.

(i) F'kas illi jsiru tiġrijiet addizjononali, dawn għandhom isiru bl-istess infrastruttura biex b'hekk tigi ifficalitata il-logistika.

(j) Id-decizjoni tal-ġurija tkun dejjem finali u ma' tistax tinbidel ħlief f'kas illi jinstab illi xi qaddiefa jkunu irrizultaw posittivi f'kas tad-doping u jkun hemm talba specifika mill-entita' nazzjonali kompetenti (NADO) biex jinbidel ir-rizultat.

# ANNEX II: HLASIJIET

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 |
|---|---|---|---|---|
| **(a) Mizata ta' darba ma' l-Applikazzjoni** | | | | |
| MEMBRU SHIH | | € 25 | € 50 | € 100 |
| MEMBRU BI DRITT T' OSSERVATUR | | € 25 | € 50 | € 100 |
| MEMBRU ASSOCJAT | | € 25 | € 50 | € 100 |
| QADDIEF JEW QADDIEF IRTIRTA | € 5 | € 5 | € 5 | € 5 |
| ATLETA REGISTRAT AFFILJAT MA' MEMBRU ASSOCJAT, Under 18 | | € 5 | € 5 | € 5 |
| ATLETA REGISTRAT AFFILJAT MA' MEMBRU ASSOCJAT, 18+ | | € 5 | € 5 | € 5 |
| ATLETA REGISTRAT MHUX AFFILJAT, Under 18 | | € 5 | € 5 | € 5 |
| ATLETA REGISTRAT MHUX AFFILJAT, 18+ | | € 10 | € 20 | € 20 |
| **(b) Mizata ta' kull sena (tithallas mit-tieni sena tas-shubija)** | | | | |
| MEMBRU SHIH | € 25 | € 25 | € 30 | € 50 |
| MEMBRU BI DRITT T' OSSERVATUR | € 25 | € 25 | € 30 | € 50 |
| MEMBRU ASSOCJAT | | € 25 | € 30 | € 50 |
| QADDIEF | | € 0 | € 0 | € 0 |
| ATLETA REGISTRAT AFFILJAT MA' MEMBRU ASSOCJAT, Under 18 | | € 2 | € 2 | € 2 |
| ATLETA REGISTRAT AFFILJAT MA' MEMBRU ASSOCJAT, 18+ | | € 2 | € 2 | € 2 |
| ATLETA REGISTRAT MHUX AFFILJAT, Under 18 | | € 5 | € 5 | € 5 |
| ATLETA REGISTRAT MHUX AFFILJAT, 18+ | | € 10 | € 10 | € 10 |
| QADDIEF IRTIRAT | | € 0 | € 0 | € 0 |
| **(c) Mizati Ohra** | | | | |
| Mizata addizjonali li tithallas f'kas ta' Registrazzjoni ta' Qaddief li ssir b'mod urgenti qabel xi Regatta. | € 12 | € 12 | € 20 | € 20 |
| *Administration Fee* li jrid ihallas qaddief jew altela f'kas li jiddikjara li ma jridx jitqies iktar bhala ATTIV | | € 0 | € 0 | € 0 |
| *Administration Fee* li jrid ihallas qaddief jew atleta MHUX ATTIV biex jerga jsir ATTIV waqt perjodu li jkollu registration valida | | € 20 | € 20 | € 20 |
| *Administration Fee* f'kas li qaddief jew atleta jintghazel biex jiehu sehem f'attiviatijiet barra min Malta f'isem l-Ghaqda (Under 18) li tithallas mill-qaddief/atleta | | € 40 | € 45 | € 45 |
| *Administration Fee* f'kas li qaddief jew atleta jintghazel biex jiehu sehem f'attiviatijiet barra min Malta f'isem l-Ghaqda (18+) li tithallas mill-qaddief/atleta | | € 70 | € 80 | € 80 |
| Hlasijiet massimi ghall kull participant registrat bhala qaddief jew atleta (tithallas mill-qaddief/atleta) ghall-Kompetizzjonijiet Lokali ta' qdif organizzati mill-Ghaqda jew Clubs/Entitajiet affiljati maghha | | € 5 | € 5 | € 5 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Administation fee* ghall-Kompetizzjonijiet Lokali (massimu) ghall kull participant **mhux registrat** bhala qaddief jew atleta | | € 15 | € 20 | € 25 |
| **(d) Multi** | | | | |
| F'kas li Club li jkun MEMBRU SHIH ikun assenti ghall zewg laqghat konsekuttivi minghajr raguni valida. | € 25 | € 25 | € 25 | € 25 |
| Intessi f'kas illi hlas ta' xi pagament ma jsirx fi zmien stipulat | 0% | 0% | 5% | 10% |
| Multa li trid tithallas mill-qaddief f'kas illi jinstab illi ma meliex ir-registru li jinzamm fil-Club qabel nizel ghat-tahrig jew tnizzlet informazzjoni falza | | € 10 | € 10 | € 10 |
| Multa li trid tithallas mill-Club f'kas illi jinstab illi mhux jinzamm ir-registru li ghandu jinzamm fil-Club ta' min jizel ghat-tahrig. | | € 25 | € 25 | € 25 |
| Multi ohra jekk applikabbli (massimu). Nota: Dan il-'massumu' ma japplikax ghall-multi li jinghataw fir-Regatta, liema multi huma stipulati fir-regoli tat-tigrijiet. | | € 50 | € 50 | € 50 |

## ANNEX III: Logo ta' l-Għaqda

*© Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif Ieħor.*